KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 57**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Vici Sindku
Antonello Cuschieri – Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier
Louise Portelli – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

XEJN

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 57.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 56 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**57.2 Riżenja Segretarju Eżekuttiv**

**Is-Sindku Christian Sammut** poġġa fuq il-mejda l-Ittra ta' Riżenja tas-Sjra Karen Camilleri mill-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħamrun. Is-Sindku nfurma li s-Sjra Camilleri nħatret Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali Ħal Qormi, b'effett mit-8 ta' Ottubru.

**Is-Sindku Christian Sammut**, rringrazzja lis-Sjra Camilleri għax-xogħol li għamlet fil-lokalita', xogħol li ħalla d-differenza fil-lokalita'. Is-Sindku spjega li s-Sjra Camilleri se toħroġ mill-kariga b'rispett kemm min-naħa tal-Kunsill kif ukoll mir-residenti tal-lokalita'. Is-Sindku nfurma li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jara li joħroġ is-Sejħa għal Segretarju Eżekuttiv ġdid.

**Il-Viċi Sindku Vincent Bonello** rrimarka li hu ħadem mas-Sjra Camilleri u jaf l-integrita' u s-serjeta' tat-tmexxija tagħha iżda jawgura kull suċċess għall-ħatra l-ġdida.

**Il-Kunsillier Carmen Borg** qalet li s-Sjra Camilleri se tkun immissjata ħafna għaliex hi kienet l-ewwel Segretarju Eżekuttiv li fetħet il-bibien beraħ għall-membri tal-Kunsill, fejn dejjem iddiskutiet u ħadmet ħafna mill-qrib mal-membri kollha. Il-Kunsillier Carmen Borg qalet li din hija telfa kbira għall-Kunsill iżda tawgura suċċess lis-Sjra Camilleri għall-kariga ġdida tagħha.

**57.3 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku Christian Sammut nfurma li f'dan l-istadju għandu jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv u ppropona li s-Sjra Karen Camilleri tiġi nnominata għal dan l-irwol. Dan għaliex is-Sjra Camilleri taf sewwa x-xogħol kif ukoll sabiex ikun hemm kontinwita fil-ħidma tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello nfurma li s-Sjra Camilleri taf sewwa x'inhu mistenni minnha fil-ħidma ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, għaliex din mhux l-ewwel esperjeza tagħha bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li s-Sjra Camilleri tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħamrun.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'dan l-istadju l-Vaganza ta' Segretarju Eżekuttiv ma tistax tinħareġ għall-fatt li t-terminu tal-Pool tas-Segretarju Eżekuttiv jinsab magħluq. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed taġġorna l-membri malli l-Pool jkun ġie approvat.

**57.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

57.4.1 Is-Sindku Christian Sammut infurma li l-Kunsill huwa nfurmat li ltaqa' l-Kumitat tal-Awtorita tal-Ippjanar, dwar l-applikazzjoni għal AC Milan Social Club, ġie approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello qal li l-Kunsill xorta waħda għandu jivverifika kif inħareġ il-Permess, dan dejjem għal ġid tar-residenti.

57.4.2 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li jista' jagħti l-każ li r-residenti jippreżentaw Appell għal din id-deċiżjoni

57.4.3 Is-Sindku Christian Sammut infurma li l-problema ta' rimi ta' skart fi Ġnien Oreste Chircop ġiet solvuta, grazzi tal-installar tal-cameras. Għad hemm xi uħud li joħorġu l-iskart b'mod abbużiv u qed jiġu identifikati u mwissija sabiex dan l-abbuż jieqaf.

57.4.4 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li qed isir tlajjar fil-ġnien, fejn qed iseħħu anke ċertu abbużi. Is-Sindku spjega li dan huwa ġnien pubbliku u l-fatt li jkun hemm nies bil-qiegħda fuq bank ma jfissirx li dawn qed jitlajjaw. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li qed iseħħu ċertu abbużi li ma jistax isemmi fuq il-mejda u għaldaqstant għandha ssir sorveljanza ta' din l-akwata. Is-Sindku spjega li mill-informazzjoni li għaddewlu qed ikun hemm xi persuni jixorbu, iżda din il-problema għandha tiġi solvuta malli tgħaddi l-bye-law tax-xorb alkoholiku fil-lokalita'.

57.4.5 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li matul il-ġimgħa sar raid mill-Pulizija fil-Pjazza tal-Kunsill minħabba bosta żgħażagħ li qed jinġemgħu fil-pjazza u jagħmlu ħerba. Is-Sindku Christian Sammut infurma li l-Kunsill kellu bosta lmenti dwar żgħażagħ li jintefgħu fi Ġnien Anton Buttiġieġ u jidher li l-Pulizija ħadet passi u dawn iż-żgħażagħ trasferew ruħhom fil-pjazza tal-Kunsill u kien għalhekk li sar ir-raid. Iżda jidher li anke minn hawn dawn tneħħew u mhux jiġu.

57.4.6 Is-Sindku Christian Sammut infurma li l-problema tal-Wifi fuq iz-zuntier tal-knisja ġiet solvuta wkoll u dan il-wifi tneħħa.

57.4.7 Is-Sindku Christian Sammut infurma ltaqa' mal-Kuntrattur tal-Ġbir ta' Skart dwar il-ġbir ta' skart organiku fejn sar ftehim li l-ġbir fil-lokalita' jibda jsir b'żewġ trakkijiet, fejn wieħed jiġbor l-iskart organiku u l-ieħor jiġbor il-borża s-sewda. Is-Sindku nfurma li għad hemm problemi bit-tqassim tal-bins u kull min ma rċevhiex il-voucher għandu jagħmel kuntatt b'mod immedjat ma' WastServ.

57.4.8 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li min-naħa ta' WastServ se tinbeda kampanja edukattiva, fejn numru ta' persuni se jkun qed jispezzjonaw it-toroq tal-lokalita' u jwaħħlu stickers fuq dawk il-boroż li jinħarġu fit-toroq mhux skont l-iskeda tal-ġbir.

57.4.9 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li l-ġurnata tal-Erbgħa jaf ikun hawn xi ftit problemi għall-bidu. Infurma wkoll li l-vouchers ma tqassmux fil-maġġor parti tat-toroq tal-lokalita'.

57.4.10 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li tkellem mas-Sjra Davinia Shead minn WastServ dwar x'materjal jista' jiġi pprovdut minnhom, iżda l-Kunsill xorta waħda għandu jieħu ħsieb li jqassam flyers ta' nformazzjoni fit-toroq kollha tal-lokalita'. Fil-fatt is-sotto kumitat tiegħu qed jaħdem fuq id-design ta' dan il-flyer.

**57.4 Festival taċ-Ċikkulata 2018**

57.4.1 Is-Sindku nfurma li bħalissa l-preparamenti għall-festival taċ-Ċikkulata jinsab fl-aqwa tiegħu. Hemm interess qawwi mill-ħwienet tal-lokalita' fejn fuq bażi volontarja ressqu bosta proposti ta' attivitajiet li jixtiequ jorganizzaw waqt il-festival. Fil-fatt il-ħwienet ta' Triq Dun Nerik Cordina Perez se jorganizzaw Fashion Show u stabbiliment ġdid fi Triq Fra Diegu se torganizza wirja artiġjanali.

Jidher li n-numru ta' stalls aktar mis-snin preċedenti.

Is-Sindku Christian Sammut nfurma li qed isir marketing b'saħħtu ħafna fejn żdied ir-reklamar fuq bosta stazzjonijiet tar-radju, se jitwaħħal banner fiz-zona tal-Blata l-Bajda u se ssir il-Konferenza Stampa.

Is-Sindku Christian Sammut nfurma li l-Konferenza stampa se tinżamm nhar l-Erbgħa 25 ta' Ottubru fis-2.00p.m. fejn se jiġu mistiedna l-Onor. Segretarju Parlamentari Silvio Parnis, L-Onor. Seg Parlamentari Deo Debattista, l-Onor. Ministru Jose Herrera u x-Shadow Minister Robert Cutajar. Din il-konferenza stampa se tinżamm fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku Christian Sammut nfurma li żdiedu n-numru ta' wirijiet mill-għaqdiet lokali. Fil-fatt se tinżamm Wirja mill-Għaqda Armar San Gejtanu, wirja oħra fil-Knisja u oħra f'Sala Joe Zammit Cordina, wirja mis-Sur Joe Cordina u wirja oħra mill-Malta Railway fis-Sede tal-Ħamrun Scouts. Se tinżamm ukoll wirja kulturali mmexxi mis-Sur Max Farrugia.

Is-Sindku Christian Sammut infurma li bħala palkijiet se jintrama kollox bħas-sena li għaddiet, filwaqt li din is-sena se jinżammu kunċert mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp u l-Għaqda Mużikali San Gejtanu. Bħas-snin l-imgħoddija se jipparteċipaw ukoll il-Ħamrun Scouts. Is-Sindku nfurma wkoll li għadu qed jistenna risposta minn Carpineto Romano dwar is-sehem tal-iSbandieratori.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li bħalma qal sewwa s-Sindku din is-sena se jkun hemm żewġ palkijiet, wieħed armat fi Triq il-Kbira San Ġużepp u l-ieħor armat fi Triq il-Ferrovija ma Triq Indri Cilia. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ semma li l-entertainment fuq il-palk ta' Triq il-Kbira se jkun wieqaf bejn it-8.30p.m. u l-10.30p.m. sabiex isir il-

Kunċert tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp.  Il-Preżentaturi se jkunu s-Sur Manuel Chircop fuq il-main stage u s-Sjrina Eliana Gomez Blanco.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li se ssir mixja Kulturali bis-sehem tal-Kunsill Lokali tat-Tfal u l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, fejn se jżuru postijiet ta' nteress fil-lokalita'.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li l-Kunsill Lokali tat-Tfal se jkun qed jarma stand biċ-ċikkulata waqt il-festival ukoll.

Is-Sindku Christian Sammut infurma li din is-sena t-triq se tingħalaq mit-8.00 ta' filgħodu.

**57.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

57.5.1 Is-Sindku Christian Sammut nfurma li l-Ħamis, se tinżamm attivita' mis-Sur Dennis Calleja, artist Ħamruniż, liema attivita' hija ppjanata li tinżamm fi Pjazza San Pawl. Din l-attivita' se ssir b'mod esklussiv għall-persuni b'diżabilita'.  F'każ ta' maltemp din l-attivita' tinżamm fis-sala tal-Kunsill.

57.5.2 Is-Sindku Christian Sammut nfurma li l-Kunsill Lokali nnomina żewġ persuni għall-Premju Anzjanita' Attiva; s-Sur Max Farrugia u s-Sjrina M'Rose Mifsud.  Is-Sur Max Farrugia ġie mogħni bil-Premju Anzjanità Akkademika.

57.5.3 Is-Sindku Christian Sammut infurma li fil-ġimgħat li ġejjin se jkun qed isir xogħol żgħir fuq bankini fi Triq Roger Debattista, Triq it-Tramm u Triq l-Iskola.

57.6 Is-Sindku Christian Sammut infurma li tkompla x-xogħol fi Pjazza Kappillan Muscat miexi. Fil-fatt qed isir xogħol fuq il-funtana li mistennija tinxtegħel fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sindku nfurma li din is-sena l-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni se tkun qed tiċċelebra l-50 Anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa u bħalma sar fl-anniversarju tad-Dehra mistika se jinżammu bosta attivitajiet bejn iż-żewġ parroċċi. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill se joħroġ ktieb fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju u se jqassam flyers sabiex iħeġġeġ lir-residenti jattendu għal dawn l-attivitajiet.

Is-Sindku Christian Sammut infurma li fadal xi dokumenti x'jimtlew iżda jidher li diġa kien hemm kambjament fit-toroq tal-lokalita'.  Is-Sindku nfurma li qed issir ħidma ntensiva mill-Imigration Office u mill-Pulizija tad-Distrett, ejn qed issir ħidma tajba ħafna mis-Supretendent Hersey.  Is-Sindku spjega li bis-Sur Hersey fil-kariga, hemm tisħiħ fil-komunikazzjoni ferm aħjar bejn il-Pulizija u l-Kunsill.

**57.7 Tender Evaluation Report – Upgrade of Public Convenience Triq id-Duka t'Edinburgh**

Is-Sindku Christian Sammut poġġa fuq il-mejda t-Tender Evaluation Report għall-upgrade of Public Convenience fi Triq id-Duka t'Edinburgh, fejn il-bord qed jirrakkomanda li t-tender tingħata lil J&K Contractors għall-prezz ta' € 38, 827.60

Il-Kunsill approva b'mod unanimu t-Tender Evaluation Report.

**57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**57.9 Quarterly Financial Reports**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-Quartely Financial Reports għax-xhur Jan-Mar, Apr-Ġun u Lul-Settembru.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu t-tlett rapporti.

**57.10 Komunikazzjoni – Sotto Kumitati**

57.10.1 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello nfurma li fi Pjazza San Pawl hemm żewġ bankijiet maqlugħin.

57.10.2 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello talab li ssir patrol mill-Pulizija fl-area tal-Housing Estate, b'mod partikolari fiz-zona tal-bandli.

57.10.3 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello talab li titwaħħal u-bar fi Triq Joe Abela Scolaro k/m Triq is-Sewwieqa, fuq il-bankina ta' Ġnien Vittmi Ħamruniżi.

57.10.4 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello staqsa jekk il-Kunsill hux se jieħu in konsiderazzjoni li Triq San Gejtanu ('l parti bejn Triq Anton Buttigieg u Triq id-Duka t'Edinburgh) terġa' tiġi One-Way kif kienet qabel jew ma kienx hemm aktar ilmenti mir-residenti. Is-Sindku nfurma li ma kienx hemm aktar lmenti.

57.10.5 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li sar xogħol fi Triq is-Sewwieqa u tneħħew xi parking bays. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet aktar informazzjoni dwar dan il-każ.

57.10.6 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li qed isir parkeġġ illegali fuq il-bankina temporanja li nbniet ħdejn sit privat.

57.10.7 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa fhiex wasal il-proġett ta' Triq il-Franġiskani u talab li l-Kunsill jorganizza laqgħa mar-residenti għaliex jidher li hemm min qed joġġezzjona għal dan il-proġett minħabba t-tneħħija tal-parking.

57.10.8 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li l-Kunsill Lokali tat-Tfal se jkun qed jipparteċipa fil-Festival taċ-Ċikkulata. Minbarra l-mixja kulturali, se jintrama stand sabiex tinbiegħ iċ-ċikkulata u l-flus li se jdaħħlu se jingħataw għall-karita'.

57.10.9 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li hemm ħofra perikoluża fuq iz-zebra cross ta' Triq Manwel Magri.

57.10.11 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa dwar il-mera ħdejn l-istage fil-Blata l-Bajda.

57.10.12 Is-Sindku Christian Sammut infurma li bħalissa l-ħaddiema għaddejjin b'xogħol fuq il-fanali sabiex tiddawwal aktar il-pjazza ta' quddiem il-Kunsill u jista' jkun li ċertu talbiet jaqgħu lura.

57.10.13 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li ssir UBAR fi Triq il-Lunzjata k/m Triq Brighella. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li din it-triq taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Sta Venera.

57.10.14 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma li nhar ta' Sibtijiet fi Triq Ħal Qormi qed ikun ħafna nies mitluqin fuq il-bankini u fuq l-għetiebi tad-djar, bil-konsegweza li r-residenti lanqas jistgħu jużaw il-bankina. Is-Sindku spjega li min-naħa tal-Kunsill żdied id-dawl tat-toroq, bħala mezz ta' sigurta'. Barra minhekk qed issir ħidma mad-Dipartment tal-Kummerċ dwar l-ħinijiet li għandhom jibqgħu miftuħin il-ħwienet.

57.10.15 Il-Kunsillier Carmen Borg ressqet talba għall-attenzjoni tal-membri sabiex issir UBAR fi Triq San Gejtanu k/m Triq Anton Buttiġieġ.

57.10.16 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri dwar is-sitwazzjoni li qed ikun hemm ta' kuljum quddiem Pub partikolari fi Triq il-Kbira San Ġużepp, fejn bosta vetturi qed jipparkjaw fuq id-double yellow line.

57.10.17 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li block ta' flats eżistenti fi Triq San Gejtanu qed jonxru l-ħwejjeġ mill-gallarija 'l barra.

57.10.18 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru se tinżamm l-attivita' ta' Buffet Breakfast filwaqt li fil-weekend bejn it-23 u l-25 ta' Novembru se jinżamm il-Weekend Break.

57.10.19 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li nżammet il-Lejla Letterarja mal-Grupp Esprimi, liema serata kienet tajba ħafna u ta' suċċess.

57.10.20 Is-Sindku Christian Sammut infurma li Infrastructure Malta se tagħmel xogħlijiet ta' resurfacing ta' Triq Villambrosa.

57.10.21 Is-Sindku Christian Sammut infurma li bħalissa qed isiru diskussjonijiet pubbliċi dwar il-White Paper tal-Kera u ħeġġeġ lill-membri sabiex flimkien iressqu l-proposti tagħhom għaliex din hija issue li tolqot b'mod partikolari l-lokalita' tal-Ħamrun. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li din il-white paper tiġi ċċirkulata fost il-membri.

**57.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.15p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Novembru 2018 fis-6.00p.m.

Konfermati, illum, ***it-Tlieta 13 ta' Novembru 2018***

***Iffirmata***
Christian Sammut
Sindku

***Iffirmata***
Karen Camilleri
Deputat Segretarju Eżekuttiv